KLR 15/VIII/2020

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ħamis, 24 ta' Settembru, 2020 fil-17.00.

PREŻENTI: Is-Sindku Josef Schembri, il-Viċi Sindku Brian Azzopardi, il-membri Michel Buttigieg, Joseph Debrincat, Marcell Tabone, Charlie Hili u Maria Portelli u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

**15.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**15.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:-

15.2.1 qed issir reviżjoni tal-Kapitlu 409 – Att Dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u t-Turiżmu għal Malta. Fil-laqgħat tar-Reġjun Għawdex qed tiġi diskussa l-Leġislazzjoni Sussidjarja 409.11 u 409.15 li jitrattaw ir-Regolamenti dwar Postijiet għall-Btala u r-Regolamenti dwar Stabbilimenti li jipprovdu Ikel. Il-maġġoranza tal-kunsilli Għawdxin jaqblu li l-iskart iġġenerat minn postijiet għall-btala kif ukoll ta' l-istabbilimenti li jipprovdu l-ikel, jinġabar mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill jaqbel dment li jiġi rimborsat għall-ispejjes żejda li jkun qed jagħmel.

15.2.2 ġie rappurtat lill-Awtoritajiet sabiex jesiġu li fi Triq Repubblika minn salib it-toroq 'il fuq ma jgħaddux vetturi tqal skont kif jindikaw it-tabelli. Dawn it-tabelli inbiddlu għal oħrajn ġodda u akbar sabiex ikunu aktar viżibbli;

15.2.3 l-Koparettiva Ndafa Pubblika (Għawdex) KIP qed tagħfas sabiex ma jinġabrux boroż suwed kbar minn quddiem 'The Duke' peress li qed issostni li hu skart tal-ħwienet. Għandha ssir laqgħa ma rappreżentanti tal-KIP u 'The Duke' sabiex tinstab soluzzjoni;

15.2.4 ġie ffirmat il-kuntratt tal-proġett 'Slow Streets' li qed isir bil-gwida u l-finanzjament tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali;

15.2.5 fis-26 ta’ Settembru 2020 ser issir laqgħa pubblika fl-Oratorju Don Bosco fir-rigwrad tal-proġett nazzjonali fejn qed isiru preparamenti għall-*master plan* għal ilqugħ tal-ilma fil-widien fosthom il-Wied tax-Xlendi. Il-Kunsill ser jissuġġerixxi li apparti li jitranġa l-wied, għandhom isiru l-*water culverts* fit-toroq fejn jaqa’ ħafna ilma tax-xita bil-konsegwenza li jintilef. Fil-kas tal-Kunsill tar-Rabat dawn il-*culverts* għandhom ikopru l-*area* ta’ Triq it-Tabib Anton Tabone, Triq Santa Dminka u t-toroq li jmissu magħhom.

**15.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsillieri**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

15.3.1 id-Diviżjoni għal Gvern Lokali (LGD) rigward:-

(i) komunikazzjoni dwar l-Inizjattiva WIFI4EU;
(ii) Finanzjament ta’ Proġetti Kapitali :- Aċċessibilita’ u Mobilita’;

15.3.2 is-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjanita’ Attiva u l-Persuni b’Diżabilita’ rigward il-Premju Soċjeta’ Ġusta;

15.3.3 Reġjun Għawdex rigward:-

(i) il-proposti għall-Baġit 2021;
(ii) Proġett Librerija fil-Lokalita’ fejn ir-Reġjun Għawdex ser jimbarka fuq proġett marbut fuq provvediment ta’ kotba ġodda sabiex jingħataw lill-libreriji tal-lokalita’. Il-Kunsill avviċina lill-librara tal-librerija pubblika ta’ Pjazza San Franġisk sabiex jintgħażlu l-kotba addatati u li jeħtieġu fil-preżent;
(iii) ir-rapport bir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitati Permanenti għall-Affarijiet ta’ Għawdex;

15.3.4 l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward:-

(i) permess mill-Awtorita’ ta’ l-Artijiet biex jitpoġġew mwejjed u siġġijiet quddiem il-ħanut, ‘Basilica – Mozzarella Bar’ fi Pjazza San Ġorġ;
(ii) korrispondenza mingħand l-Għaqda Każini tal-Baned fejn intalbet il-koperazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex jirrakkomandaw li l-Festa Maltija tiġi rikonoxxuta bħala Wirt Kulturali Intanġibbli fil-Lista Rappreżentattiva tal-Umanita’ tal-UNESCO. Il-membri qablu;

15.3.5 l-Awtorita’ tal-Ippjanar rigward laqgħa tal-bord fuq PA 1086/16, sit fit-Telgħa tal-Belt u Triq Sant’Orsla;

15.3.6 id-Direttorat għat-Turiżmu u l-Iżvilupp Ekonomiku fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill ġie mgħarraf li ser jibdew jitpoġġew is-sinjali direzzjonali mal-*pedestrian crossings* fir-Rabat;

15.3.7 is-Segretarja fil-iskola tal-Konservatorju tal-Isqof fejn talbet lill-Kunsill sabiex jagħti isem lill-passaġġ li minn Triq l-Arċisqof Pietru Pace jieħdok fil-parkeġġ tal-isptar. Il-membri qablu li jittieħed il-parir tal-Kumitat għal-Ismijiet tat-Toroq fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex;

15.3.8 is-Segretarju Eżekuttiv li resqet talba skont PSMC 3.1.9. L-akkumulu ta' 108 siegħa *leave* ġie approvat li jiġi mgħoddi għas-sena 2021. Dan għandu jiġi approvat ukoll mid-Direttur fid-Diviżjoni għal-Gvern Lokali;

15.3.9 Proposta ta' taraġ fi Sqaq Numru 1 fi Triq Mons. Ġużeppi Farrugia

Fit-30 ta' Ġunju 2020, l-applikant ressaq pjanti ġodda u l-Kunsill kien qabel li jgħarraf lill-Awtorita' tal-Ippjanar (PA) bir-riservi tiegħu. Il-Perit għarraf lill-PA b'dan permezz ta' ittra datata 14 ta' Lulju 2020. Il-PA qalet li dan l-ilment ma daħalx fil-ħin u tqabdet l-Avukat tal-Kunsill sabiex tressaq din ir-riserva permezz ta' ittra datata 9 ta' Settembru 2020.

Tressqu żewġ ittri ta' residenti fl-isqaq numru 1. Dawn qed jerġgħu jilmentaw fuq applikazzjoni li saret mal-Awtorita' tal-Ippjanar (PA) bin-numru PA/09881/19. Il-Kunsill ġie rringrazjat talli ressaq r-riservi tiegħu quddiem il-PA fir-rigward tal-pjanti riveduti li ġew sottomessi mill-applikant.

Sadanittant il-Perit tal-Kunsill għarraf lill-Kunsill dwar l-aħħar seduta tal-PA fejn hu kien preżenti. Il-Perit spjega lill-Bord li l-Kunsill kien ta l-*clearance* tiegħu oriġinarjament meta t-taraġ kien qed jiġi propost li jerġa' jsir eżatt kif kien fl-antik. Meta daħlu l-pjanti ġodda, l-Kunsill qajjem ir-riservi tegħu għax it-taraġ kien qed jiġi estiż. Minħabba f'hekk il-Bord iddeċieda li jitlob lill-applikant jippreżenta pjanti ġodda fejn it-taraġ jitħalla kif propost oriġinarjament, b'mod li ma jestendix quddiem terzi.

Fil-minuti tal-PA datati 16 ta' Settembru 2020 tniżżel li fi żmien għaxart ijiem l-applikant għandu jressaq aktar informazzjoni u pjanti fir-rigward tal-*area* u kif ser ikun it-taraġ propost. Għandu jressaq l-*clearance* mill-GPD u l-kummenti tal-Kunsill Lokali.

Il-Perit Deborah Busuttil li hi l-perit tal-applikant, talbet n-*no objection* tal-Kunsill fuq il-pjanti mressqa quddiem il-PA bħala dokument 134b. Il-membri qablu li l-Kunsill jibqa' bin-*no objection* li kien ta fuq il-pjanti oriġinali u jibqa' bir-riservi fuq il-pjanti li tressqu wara.

**15.4 Immaniġjar tat-traffiku**

*Transport Malta* (TM) ħarġet permess għall:-

15.4.1 senjaletika fil-parti tal-bidu ta' Triq Għajn Qatet u Triq Pompei. Dan wara li nfetħet għat-traffiku Pjazza San Franġisk wara li sar pavimentar ġdid mill-Minsteru għal Għawdex;

15.4.2 senjaletika fil-parti ta' Triq Ħamamiet u Qasam San Ġorġ;

15.4.3 *one metre double yellow line* fuq żewġ naħħat tal-garaxx ta' 'La Cicogna' fi Triq Viani;

15.4.4 *attention signs* li juru l-aċċess għat-triq tal-għolja ta Gelmus.

TM ma ħarġitx permess għall-

15.4.5 *railing* quddiem 'St. Joseph' fi Triq Pawlu Portelli. Dan ikun ta' ostaklu fuq il-bankina;

15.4.6 aċċess għar-residenti ta' Triq Vajrinġa minn Triq Enriko Mizzi. Ir-residenti bagħtu petizzjoni minħabba l-fatt li Triq Enriko Mizzi saret *one way* ħlief għar-residenti ta' Pjazza San Franġisk u l-*buses*, wara li nfetħet Pjazza San Franġisk wara li sar pavimentar ġdid mill-Minsteru għal Għawdex. Fil-petizzjoni ntalab ukoll biex issir *speed hump* fil-bidu ta' Triq Vajrinġa. TM ma laqgħetx dawn it-talbiet u spjegat li fil-mument il-mgħodija tat-traffiku fl-*area* qed tinfunzjona tajjeb u għalhekk TM m'għandiex il-ħsieb li tbiddel dak li ġie attwat. TM ukoll qed titlob il-koperazzjoni tal-Kunsill minħabba li hu pjanat li jsiru aktar toroq *one ways* fiċ-ċentru tar-Rabat sabiex il-mgħodija tat-traffiku tiġi faċilitata u titnaqqas il-konġestjoni.

*Korrispondenza relatata mat-traffiku*

15.4.7 Il-membri qablu li jintalab lill-TM sabiex isiru traffic *calming signs* fil-bidu ta' Triq Wistin Camilleri kantuniera ma Triq Għajn Qatet;

15.4.8 Rigward il-problema tal-parkeġġ għar-residenti fi Triq Ġorġ Borg Olivier;

15.4.9 Francis Cachia, sid garaxx fi Triq Ġużè' Micallef talab li jsiru *double lines* quddiem il-garaxxijiet kollha. Qal ukoll li jkun hemm trakk ipparkjat quddiem il-garaxx ta' maġenb il-garaxx tieghu. Sid it-trakk m'għandux garaxx f'din it-triq u Cachia jsibha diffiċli sabiex joħroġ il-vettura mill-garaxx peress li ma jkunx jista' jara jekk tkunx ġejja vettura minn naħħa t'isfel tat-triq. Il-membri qalu li quddiem garaxx m'hemmx għalfejn isiru sinjali peress li ma tistax tipparkja quddiem garaxx. F'dan il-kas, sid il-garaxx fejn qed ikun hemm it-trakk ipparkjat għandu jirrapporta;

15.4.10 Mingħand *Infrastructure Malta* rigward post alternattiv għaċ-*charging pillar* tal-vetturi li jaħdmu bl-elettriku li kienet biswit l-Arkadia. *Infrastructure Malta* ma qablitx li dan isir fit-triq li hemm bejn iż-żewġ skejjel minħabba li l-aċċess għal din it-triq ser ikun limitat waqt il-ħin tal-iskola. Il-membri qablu li jiġi suġġerit li dan iċ-*charging pillar* isir fil-parkeġġ il-kbir anke' sabiex ikun qrib ta' dak li tneħħa minn Pjazza San Franġisk. Il-Kunsill ma jaqbilx li dan isiru quddiem djar residenzjali.

15.4.11 Intalab il-permess ta' TM għall-*parking bays* fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II quddiem il-ħanut 'Silhouette'.

**15.5 Xogħlijiet tal-Kunsill**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:-

15.5.1 is-*CCTV camera* ta' fuq il-*bring-in-site* tal-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus* ser tiġi nstallata f'Ottubru;

15.5.2 rigward il-proġett tal-bdil tal-fanali fiċ-ċentru tar-Rabat, l-Awtorita' tal-Ippjanar (PA) aċċettat li tikkunsidra l-applikazzjoni tal-Kunsill. Talbet dettalji li ħadem fuqhom l-Inġinier Joseph Azzopardi minn Galea Curmi Engineering Consultants u dawn id-dettalji ġew sottomessi lill-PA. Il-Kunsill talab lir-Reġjun Għawdex sabiex ikun parti mill-proġett u b'hekk ikunu jistgħu jinġabu 100% tal-fondi.

**15.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

15.6.1 Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Settembru 2020 skond dokument A anness.

15.6.2 l-membri qablu li jitħallas il-kont tal-blokki tal-konkos li kienu ġew ordnati mingħand Gatt Tarmac Ltd. Dawn saru fl-2014 meta kien qed isir il-proġett tal-ERDF, sbiex ikun jista' jitpoġġa l-logħob tan-nar tal-art fi Pjazza Savina. L-ammont hu €5,575. Il-membri qablu li mall-pagament Gatt għandu jiġi nfurmat li dawn il-blokki għandhom jiġu provduti kull meta l-Kunsill ikollu bżonnhom. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu l-parir tal-avukat jekk dan jistax jitħallas minħabba li Gatt għandu kawżi pendenti l-Qorti t'Għawdex kontra l-Kunsill.

15.6.3 Tressaq il-kont ta' Savio Bugeja fir-rigward tax-xogħol li sar fi Sqaq Nru 1 fi Triq Agius De Soldanis. L-amont hu ta' €4,389.60. Dan ser jiġi ċċertifikat mill-Perit.

**15.7 Xogħlijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

15.7.1 jittieħed il-parir tad-Diviżjoni għal Gvern Lokali fuq talba li saret sabiex fix-xahar ta' Diċembru, ħanut li jbiegħ ix-xorb (li mhux *bar*) ikun jista' jarma tinda fil-*parking bay* ta' quddiem il-ħanut stess. Dan sabiex tiġi ossevata aktar id-distanza soċjali minħabba l-Covid 19. Il-Kunsill għandu jistaqsi x'permess jista' jinħareġ;

15.7.2 jitranġaw kanni tal-plastik li jinsabu 'l fuq mil-bankina fi Triq Ġużeppi Spiteri;

15.7.3 tiġi xxiftjata bozza fi Triq Sir Paul Boffa. Il-Kunsill għandu l-kunsens tas-sid ta' fejn ser titpoġġa l-bozza. Dan qed isir b'mod sabiex ikun hemm iktar dawl lejn sqaq fl-istess triq.

15.7.4 titranġa bankina wara li jitlesta x-xogħol ta' restawr fil-post ta' John Xuereb fi Triq Vajrinġa;

15.7.5 jitneħħew tankijiet tal-konkos li ntefgħu fi Triq Pawlu Portelli u fi Triq Dun Pawl Micallef minn sid ta' bitħa li tinfed f'dawn iż-żewġ toroq. Is-sid għandu jiġi nfurmat qabel.

**15.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fit-20:00 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 29 t'Ottuburbru 2020, fil-17.00.

Josef Schembri
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv